MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 170/2014

**George Giordimaina (ID216477M)**

**Vs**

**Etienne Borg (ID127976M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur, pprezentat fil-11 ta’ Marzu, 2014 li permezz tieghu ppremettiet illi:

Thallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u tmenin ewro (€680) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija ta’ “car audio” mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 246/2014 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont reklamat mhux dovut.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda kollha;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha;

Ra il-verbal tal-14 ta' Novembru, 2014 fejn it-talba thalliet ghas-Sentenza in parte dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

**Ikkunsidra**

It-talba odjerna hija dwar hlas ta' merkanzija ossia *car audio speakers*. Il-konvenut pero ssolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2148(a) u 2156(f).

Fix-xhieda tieghu **George Giordmaina** ddikjara illi l-konvenut kien fetah hanut fis-sena elfejn u tmienja (2008) u kien ibiegh *on consignment*. Wara ftit zmien kien ghalaq il-hanut.

L-attur qal li kien ikkonsenja vettrina shiha ta' prodotti fis-6 t' Awwissu, 2008. Iddikjara illi zamm ktieb li juri l-affarijiet li ha u ghandu wkoll il-firma tieghu, u ghandu wkoll id-data. L-ahhar pagament tal-konvenut sar fil-25 ta' Jannar, 2011. Dan kien hanut li jbiegh l-ispeakers; il-merkanzija kien jerga' ibieghha hu. Wara l-ahhar pagament li sar fis-sena 2011 kien icempillu kull xahrejn u l-konvenut kien jghid li kien ser ihallsu pero l-ahhar telefonata ma setghax jiftakar ezatt meta kienet.

Illi it-Tribunal ser jghaddi biex jezamina z-zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati *ossia* dik tal-artikolu 2148(b) bil-perjodu preskrittiv ta' tmintax-il (18) xahar u dik ta' 2156(f) tal-Kodici Civili ta' hames (5) snin.

Artikolu 2148(b) jghid is-segwenti: "*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha* ***<u>bl-imnut</u>***" (emfazi mizjuda) jaqghu bi preskrizzjoni b'dekors ta' tmintax-il (18) xahar. Il-preskrizzjoni hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ghall-kuntrarju ta' dik il-merkanzija mibjugha bl-ingrossa li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Fit-talba *de quo* l-attur iddikjara li l-bejgh ta' merkanzija tieghu lil konvenut f' Awwissu, 2008 illi pero l-ahhar darba li thallas kien f'Jannar, 2011. L-ittra ufficjali (246/14) giet prezentata fiL-5 ta Jannar 2014 u ghalhekk il-perjodu li dekorriet hija ta' erba snin.

Il-kwistjoni ghalhekk *de quo* hija jekk l-attur bieghx *wholesale ossia* bil-grossa jew bl-imnut. Ghaliex jekk hija tal-ewwel huwa applikabbli t-terminu preskrittiv ta' hames snin. L-unika 'nformazzjoni li ghandhu t-Tribunal huwa li bieghlu vettrina shiha ta' prodotti.

Illi l-Artikolu 5 tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*Huma atti tal-kummerc – (a) ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in-natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati; il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in-natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri.*

Fis-sentenza ***Attard vs Refalo***[1]*:*

*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e`che il primo vende per lo piu` a coloro i quail commerciano della cosa comprata mentre il second vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro."*

Ghalhekk kif jinghad fil-gurisprudenza, l-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa izda l-kriterju distintiv huwa li l-grossista' jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibiegh lill-konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom huma.

Illi minkejja l-fatt illi dawn jidhru li kienu kwantita' zghira illi fil-kaz in dezamina l-konvenut ma kienx qieghed jixtri ghall-konsum tieghu imma ghan-negozju u cioe biex hi tbiegh il-prodotti lil terzi. Ghal dan ir-raguni illi l-artiklu 2148(b) sollevat mill-konvenuta ma jistax jigi applikat ghal din it-talba. Ghalhekk japplika l-artikolu 2156(f) li huwa perjodu ta' hames snin.

[1] (Koll. Vol. XIII.294)

Mix-xhieda tal-attur li ma kien kontradett ghax kien l-uniku evidenza li kellu quddiemu t-Tribunal jidher li thallas l-ahhar darba fil-25 ta' Jannar, 2011 u ghalhekk ma skadix it-terminu ta' hames snin anke sakemm infethet il-kawza fil-11 ta' Marzu, 2014.

Ghal dan ir-raguni t-Tribunal jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u jkompli bi smigh tal-kawza.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------